

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tal-11 ta' Diċembru 2008 (Każ R 1049/2007-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Meica Ammerländische Fleischwarenfabrik Fritz Meinen GmbH & Co. KG u Bösinger Fleischwaren GmbH.

Dispożittiv

- 1) Id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) tal-11 ta' Diċembru 2008 (Każ R 1049/2007-1) hija annullata.
- 2) L-UASI huwa kkundannat għall-ispejjeż tiegħu kif ukoll l-ispejjeż sostnuti minn Meica Ammerländische Fleischwarenfabrik Fritz Meinen GmbH & Co. KG.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) tat-13 ta' Diċembru 2011 —
Goodyear Dunlop Tyres UK vs UASI — Sportfive (QUALIFIER)**

(Kawża T-424/09)

“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali QUALIFIER — Trade mark Komunitarja verbali preċedenti Qualifiers 2006 — Rifjut ta' reġistrazzjoni — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”

Trade mark Komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Oppożizzjoni mill-proprjetarju ta' trade mark preċedenti identika jew li tixxiebah irreġistrata għal prodotti jew servizzi identiċi jew li jixxiebhju — Probabbiltà ta' konfużjoni mat-trade mark preċedenti (Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, Artikolu 8(1)(b)) (ara l-punti 26, 49)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tal-11 ta' Awwissu 2009 (Każ R 1291/2008-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Sportfive GmbH & Co. KG u Goodyear Dunlop Tyres UK Ltd.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Goodyear Dunlop Tyres UK Ltd hija kkundannata għall-ispejjeż.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tielet Awla) tal-14 ta' Diċembru 2011 —
Spanja vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-106/10)

“FAEGG — Taqsima ‘Gwida’ — Tnaqqis ta’ għajjnuna finanzjarja — Programm ta’ inizjattiva Komunitarja Leader+ — Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 438/2001 — Proporzjonalità”